MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011

Numru. 771/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Carmel Vella
Francis Vella
John Vella
Raymond Vella
Salvu Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra ’l hawn fuq imsemmija **Carmel Vella**, ta’ 54 sena, iben Joseph u Mary nee’ Haber, imwieled Xewkija, Ghawdex, nhar l-1 ta’ April, 1957 u residenti fil-fond ‘Euli’, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 22157(G), **Francis Vella** ta’ 51 sena, iben Joseph u Mary nee’ Haber, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar it-3 ta’ Marzu, 1960 u residenti fil-fond ‘In-Naghla’, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 14960(G), **John Vella**, ta’ 53 sena, iben Joseph u Mary nee’ Haber, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar it-2 ta’ Gunju, 1958 u residenti fil-fond ‘Marion’, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 29758(G), **Raymond Vella**, ta’ 47 sena, iben Joseph u Mary nee’ Haber, imwieled Xewkija, Ghawdex, nhar it-30 ta’ April, 1964 u residenti fil-fond ‘Aphrodel’, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 19164(G) u **Salvu Vella**, ta’ 48 sena, iben Joseph u Mary nee’ Haber, imwieled Xewkija, Ghawdex, nhar il-15 ta’ Jannar, 1963 u residenti fil-fond ‘Arjuza’, Triq it-Torri Gorgun, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita’ numru 8363(G) li gew akkuzati talli;

1. Fil-kapacita’ taghhom personali u/jew diretturi tal-kumpanija Vella Bros Ready-Mix Limited u kuntratturi fis-sit tal-kostruzzjoni ex-Mgarr Hotel, Triq iz-zewwieqa, Ghajsielem talli nhar it-2 ta’ Settembru, 2010 fit-8 :30a.m. u/jew fix-xhur ta’ qabel naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta’ tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikoli 6 (1)(2) tal-att 27/2000 Kap 424;

2. Akkuzati wkoll talli fis-6 ta’ Mejju, 2010 matul il-gurnata ghall-habta ta’ 10:00a.m. u fil-granet ta’ qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, naqsu li jaghmlu, jew li jizgurawli ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-

aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghanhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini tal-artikoli 10(1) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424.18);

3. Akkuzati wkoll talli fis-6 ta' Mejju, 2010 matul il-gurnata ghall-habta tal-10:00a.m. u fil-granet ta' qabel, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini tal-artiolu 10 (2) tal-A.L. 36/03 (S.L. 424,18);

4. Akkuzati wkoll talli fit-2 ta' Settembru, 2010 u fil-granet, u jew xhur ta' qabel, lok u cirkunstanzi bhala persuni li jhadmu, naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji sabiex waqghat mill-gholi jkunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom tal-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Naqsu wkoll li jizguraw li x-xoghol jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu tal-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattoformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom jkunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti tal-access u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta'. Naqsu wkoll li jizguraw li poggamani ta' protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg. 5 tal-iskeda IV (parti B, Sezzjoni II) tal-A. L. 281/2004 (S.L. 424.29);

5. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu meta s-sahha jew is-sigurta' tal-haddiema tkun hekk tehtieg u wara li jqisu t-tip ta' attivita', u l-ghadd ta' haddiema li jkunu prezenti f'kull waqt, naqsu milli jipprovdu u jzommu imkejjen xierqa u bizzejjed fejn

wiehed jista’ jistrieh u li jkun facilment accessibbli ghall-haddiema kollha u dan bi ksur tal-artikoli 24 (1) (a) (b) (c) (d) (e) tal-A.L. 44 tal-2002 (S.L. 424.15);

6. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu facilitajiet xierqa biex il-haddiema jistghu jbiddlu, liema facilitajiet ghandhom ikunu ta’ daqs bizzejjed, u f’postijiet li jkunu accessibbli facilment ghall-haddiema, jekk dawn jkollhom jilbsu hwejjeg tax-xoghol specjali, u fejn minhabba ragunijiet ta’ sahha jew dicenza wiehed ma jistennihomx li jbiddlu f’xi kamra ohra, fosthom biex jinzammu l-hwejjeg ta’ haddiema li ma jintlibsux waqt il-hinijiet tax-xoghol, li jinzammu l-hwejjeg specjali tax-xoghol, liema hwejjeg ma jittiehdux id-dar, li jkollhom siggijiet u kaxxarizzi li jippermettu li haddiema li jkunu jistghu jsakkru hwejjeg waqt il-hinijiet tax-xoghol u li jigu provduti mkejjen separati ghall-hwejjeg ta’ haddiema li jkunu jahdmu f’xoghlijiet li jistghu jwasslu biex hwejjighom ikunu kontaminati, imdensa hafna, mtebba jew imcappsin sew u biex ikunu jistghu jippermettu li l-haddiema jzommu l-hwejjeg tax-xoghol separati mill-hwejjeg normali, u dan bi ksur tal-artikoli 25 (1) (a) (b) 2 (a) (b). tal-A.L. 44 tal-2002 (S.L. 424.15);

7. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jipprovdu apparat sanitarju xieraq u bizzejjed, li jkun f’postijiet accessibli facilment, liema apparat jitqies li jkunu xierqa u l-apparat u l-kmamar li jkun fihom dak l-apparat ikun mizmuma kif imiss, u dan bi ksur tal-artikolu 27 (1) (a) tal-A.L. 44 tal-2002 (S.L. 424.15);

8. Akkuzati wkoll talli fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu naqsu li jizguraw li f’kull waqt ikun hemm persuni li jaghtu l-ewwel ghajnuna skont ma jkun edegwat u xieraq fic-cirkostanzi sabiex tinghata l-ewwel ghajnuna lill-impjegati tieghu jekk ikorru jew jimirdu fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini tal-artikolu 5 (1) tal-A.L. 11 tal-2002 (S.L. 424.13);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jirtira l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati Francis Vella u Salvu Vella.

Semghet lill-imputati Carmel Vella, John Vella u Raymond Vella jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati Carmel Vella, John Vella u Raymond Vella ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tasjteni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Vella u Salvu Vella, *stante* li l-imputazzjonijiet gew irtirati fil-konfront taghhom, wara li rat Artikoli 6 (1)(2) tal-Kapitolu 424, Regolamenti 10(1) u 10(2) tal-Avviz Legali 36/03, Regolament 5 tal-iskeda IV (Parti B, Sezzjoni II) tal-Avviz Legali 281/2004, Regolamenti 24 (1) (a) (b) (c) (d) (e), 25 (1) (a) (b), 25 (2) (a) (b) u 27(1)(a) tal-Avviz Legali 44 tal-2002 u Artikolu 5 (1) tal-Avviz Legali 11 tal-2002, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Carmel Vella, John Vella u Raymond Vella hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom multa ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600.00) kull wiehed

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------